Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 72/20**
il-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2020

Sentenza fil-Kawża C-88/19
Alianta pentru combaterea abuzurilor vs TM et

# Il-protezzjoni stretta ta' ċerti speċi ta' annimali prevista mid-Direttiva dwar il-Habitats testendi wkoll għal kampjuni li jitilqu mill-habitat naturali tagħhom u jsibu ruħhom f'postijiet fejn jgħixu n-nies

*Għalhekk, il-qbid u t-trasport ta' lupu li nstab f'raħal jistgħu jiġu ġġustifikati biss jekk dawn ikunu koperti minn deroga adottata mill-awtorità nazzjonali kompetenti*

Fis-sentenza tagħha Alianța pentru combaterea abuzurilor (C-88/19), mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tas-sistema ta' protezzjoni stretta ta' ċerti speċi ta' annimali prevista mill-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 92/43 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [1] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Habitats"). F'dan ir-rigward, **il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li din is-sistema ta' protezzjoni stretta prevista għall-ispeċi li huma elenkati fil-paragrafu (a) tal-Anness IV tal-imsemmija direttiva, bħal-lupu, tapplika wkoll għall-ispeċi li jitilqu mill-habitat natural tagħhom u jsibu ruħhom f'postijiet fejn jgħixu n-nies**.

Fl-2016, il-persunal ta' assoċjazzjoni tal-protezzjoni tal-annimali, akkumpanjat minn veterinarju, qabdu u ttrasportaw, mingħajr permess minn qabel, lupu li kien jiffrekwenta l-post ta' abitazzjoni ta' resident ta' raħal Rumen li kien jinsab bejn żewġ siti kbar protetti skont id-Direttiva dwar il-Habitats. Madankollu, it-trasport tal-lupu maqbud lejn riżerva naturali ma seħħx kif kien previst u dan il-lupu rnexxielu jaħrab fil-foresta tal-madwar. Tressaq ilment kriminali għal ksur marbut mal-qbid u mat-trasport, f'kundizzjonijiet ħżiena, ta' lupu. Fil-kuntest ta' din il-proċedura kriminali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk id-dispożizzjonijiet protettivi tad-Direttiva dwar il-Habitats japplikawx għall-qbid ta' lpup selvaġġi fil-periferija ta' agglomerazzjoni jew fit-territorju ta' awtorità lokali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, qabelxejn, fakkret li l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar il-Habitats jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi ta' annimali protetti, "fil-firxa naturali tagħhom", li tipprojbixxi kull forma ta' qbid jew qtil intenzjonat ta' kampjuni ta' dawn l-ispeċi "fis-selvaġġ".

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' din il-projbizzjoni ta' qbid jew ta' qtil intenzjonat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, f'dak li jirrigwarda l-ispeċi ta' annimali protetti li, bħal-lupu, jokkupaw territorji kbar, il-kunċett ta' "firxa naturali" huwa usa' miż-żona ġeografika li toffri l-elementi fiżiċi jew bijoloġiċi essenzjali għall-ħajja tagħhom u għar-riproduzzjoni tagħhom u tikkorrispondi, għalhekk, għaż-żona ġeografika li fiha l-ispeċi ta' annimali kkonċernata tkun preżenti jew tinxtered fil-kuntest tal-imġiba naturali tagħha. Minn dan jirriżulta li l-protezzjoni prevista fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-Habitats ma tinkludix limiti jew fruntieri, b'tali mod li kampjun selvaġġ ta' speċi ta' annimali protetta li tinsab fil-viċinanza jew ġewwa postijiet fejn jgħixu n-nies, li jkun għadda minn tali postijiet jew li jkun kiel riżorsi prodotti mill-bniedem, ma jistax jitqies li jkun annimal li telaq mill-"firxa naturali" tiegħu, jew li din tal-aħħar tkun inkompatibbli mal-postijiet fejn jgħixu n-nies jew mal-iżvilupp antropoġeniku. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mid-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(1)(f) tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji ta' l-annimali

[1] Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

selvaġġi [2], li tgħid li l-kunċett ta' "firxa" ta' speċi tieħu inkunsiderazzjoni ż-żoni ta' kull natura li tgħaddi minnhom din l-ispeċi.

Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-formulazzjoni tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar il-Habitats, li jipprojbixxi l-qbid jew il-qtil intenzjonat ta' kampjuni ta' speċi protetti "fis-selvaġġ", ma tippermettix li l-postijiet fejn jgħixu n-nies jiġu esklużi mill-kamp ta' protezzjoni ta' din id-dispożizzjoni. L-użu tal-kliem "fis-selvaġġ" huwa intiż biss li jippreċiża li l-projbizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni ma japplikawx neċessarjament għall-kampjuni li jinżammu legalment fil-magħluq.

L-interpretazzjoni li tgħid li l-protezzjoni prevista fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar il-Habitats ma tinkludix limiti jew fruntieri stretti hija wkoll ta' natura li tippermetti li jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, l-intenzjoni hija l-protezzjoni tal-ispeċi kkonċernati mhux biss f'ċerti postijiet, iddefiniti b'mod strett, iżda wkoll il-kampjuni tagħhom li jgħixu fin-natura jew fis-selvaġġ u li jservu, għalhekk, funzjoni fl-ekosistemi naturali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li, f'bosta reġjuni tal-Unjoni, bħal dak f'dan il-każ, l-ilpup jgħixu f'żoni okkupati mill-bniedem, peress li l-antropizzazzjoni ta' dawn l-ispazji wasslet ukoll għal adattament parzjali tal-ilpup għal dawn il-kundizzjonijiet il-ġodda. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-infrastrutturi, l-isfruttament forestali illegali, l-impriżi agrikoli kif ukoll ċerti attivitajiet industrijali kkontribwixxew sabiex tiinħoloq pressjoni fuq il-popolazzjoni tal-ilpup u fuq il-habitat tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-obbligu li l-ispeċi ta' annimali protetti jiġu protetti b'mod strett japplika għall-"firxa naturali" kollha ta' dawn l-ispeċi, kemm jekk dawn jinsabu fil-habitat abitwali tagħhom, f'żoni protetti jew fil-viċinanza ta' postijiet fejn jgħixu n-nies.

Fir-rigward tal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu jekk kampjun ta' annimal protett jidħol f'kuntatt mal-bnedmin jew mal-beni tagħhom, b'mod partikolari f'kunflitti li jirriżultaw fl-okkupazzjoni ta' spazji naturali mill-bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement fakkret li huma l-Istati Membru li għandhom jadottaw qafas leġiżlattiv komplet, li jista' jinkludi, konformement mal-Artikolu 16(1)(b) u (ċ) tad-Direttiva dwar il-Habitats, miżuri intiżi li jipprevjenu ħsara serja b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba' jew lill-bhejjem jew miżuri meħuda fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet imperattivi oħra ta' interess pubbliku kbir, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-qbid u t-trasport ta' kampjun ta' speċi ta' annimal protetta, bħal lupu, jistgħu jitwettqu biss fil-kuntest ta' deroga adottata mill-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 16(1)(b) u (ċ) tad-Direttiva dwar il-Habitats, ibbażata, b'mod partikolari, fuq raġuni ta' sigurtà pubblika.

---

**TFAKKIRA**: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[2] Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji ta' l-annimali selvaġġi, iffirmata f'Bonn fit-23 ta' Ġunju 1979 u konkluża f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 15, p. 5).